## <u>Anness</u>

# <u>Malta - 4 proġetti</u> (4.5 miljun)

**LIFE+ Politika u Tmexxija Ambjentali (proġett wieħed – 1.9 miljun)**

- **DemoEV (il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali):** Il-proġett DemoEV għandu jwettaq l-ewwel azzjoni ta' dimostrazzjoni fl-introduzzjoni ta' vetturi elettriċi f'Malta, u billi jitqassam kampjun ta' vetturi lil grupp ta' voluntiera. Is-sewwieqa ta' prova se jkunu mmonitorjati mill-qrib, sabiex tinġabar dejta li tkun tippermetti l-valutazzjoni tal-potenzjal għall-iffrankar tal-karbonju mqabbel mad-drawwiet u x-xejriet tal-mobbiltà li bħalissa huma l-istandard. ***Relevanza diretta jew indiretta għat-tibdil fil-klima.***

**LIFE+ Natura (proġett wieħed – 0.9 miljun)**

- **MALTA SEABIRD PROJECT (BirdLife Malta):** Dan il-proġett ġdid tal-LIFE+ huwa tkomplija loġika tal-proġett Garnija (*Yelkouan Shearwater*) tal-UE LIFE, u jinqeda bi pjan direzzjonali biex jindirizza l-identifikazzjoni ta' Żoni Marittimi ta' Protezzjoni Speċjali għal tliet speċijiet importanti tal-għasafar: P.yelkouan (il-garnija), C.diomedea (iċ-ċiefa), u H. pelagicus (il-kanġu ta' Filfla). Bl-identifikazzjoni ta' Żoni Marittimi ta' Importanza għall-Għasafar, se jiġu koperti diversi kolonji.

**LIFE+ Informazzjoni u Komunikazzjoni (2 proġetti – 1.7 miljun)**

- **Investing in Water (Malta Business Bureau):** L-għan tal-proġett 'Investing in Water' huwa li jqajjem kuxjenza, fost is-setturi ekonomiċi fil-mira, dwar kwistjonijiet marbutin mal-problema tal-iskarsezza tal-ilma f'Malta, kif ukoll dwar l-importanza tal-konservazzjoni tal-ilma. Dan il-proġett għandu jservi wkoll ta' xempju għal setturi oħra, sabiex jadottaw miżuri simili, u b'hekk titnaqqas il-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art. Dan se jinkiseb billi tiġi implimentata kampanja ta' tqajjim tal-kuxjenza, mifruxa fuq sentejn u nofs, immirata lejn setturi ekonomiċi determinati.
- **InfoNitrates (il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali):** L-għan ta' dan il-proġett huwa li jgħarraf lill-bdiewa u lil dawk li jrabbu l-bhejjem bl-obbligi ewlenin tagħhom skont il-Pjan ta' Azzjoni għan-Nitrati; l-effetti li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa minħabba l-ġestjoni ħażina tad-demel; u l-mod kif għandu jitnaqqas it-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art. Dan il-proġett se jħarreġ lill-bdiewa biex ibiddlu l-prattiċi agrikoli tagħhom bil-għan li jitnaqqsu l-livelli tan-nitroġenu fil-ħamrija, u se jħarreġ ukoll lil min irabbi l-bhejjem fil-ġestjoni xierqa tad-demel tal-annimali, bl-istess għan.